A.L. 135 ta' l-1990

ATT DWAR IL-LUKANDI U L-ISTABBILIMENTI LI JIPPROVDU IKEL (KAP. 197)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel (Emenda Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel (Emenda Nru. 4), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 67 ta' l-1972.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok is-Sezzjonijiet "A" u "B" tar-Raba' Taqsima tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"SEZZJONI "A" DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

B'żieda mal-kategoriji u klassijiet imniżżlin fit-Tielet Taqsima ta' din l-Iskeda, għandu jkun hemm erba' ismijiet speċifiċi għal stabbilimenti li jipprovdu ikel li għandhom jintużaw għal kull stabbiliment li jipprovdi ikel li jkun klassifikat skond l-Att u skond id-disposizzjonijiet relattivi ta' dawn ir-regolamenti.

SEZZJONI "B" ISMIJIET U KLASSIFIKAZZJONI

1. RISTORANTI

(i) Id-*Deskrizzjoni Ġenerali* ta' stabbilimenti li jipprovdu ikel li jaqgħu taħt dan l-isem tkun dik ta' kull stabbiliment, bini jew post, ikun kif ikun deskritt; li jkollu akkomodazzjoni bil-qegħda, spazju għall-preparazzjoni ta' l-ikel u tagħmir li jkunu adegwati u xierqa; li jipprovdi bi ħlasijiet lit-turisti u lill-pubbliku in ġenerali, varjeta' ta' platti ta' ikel skond menu "à la carte" u jew "table d'hôte", kif ukoll xorb; għall-konsum f'dak l-istabbiliment, bini jew post; u li jipprovdi servizz sħiħ u kif għandu jkun lill-klijenti.

(ii) L-inqas ħtiġiet ta' "ristoranti" għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tielet Taqsima tat-Tieni Skeda u għandhom jinkludu wkoll kull ħtieġa oħra li l-Bord jista' jżid magħhom, minn żmien għal żmien.

(iii) Stabbiliment bħal dawn ma għandux jiġi deskritt, jew imsejjaħ b'xi wieħed mit-tlett ismijiet l-oħra speċifikati f'din it-Taqsima ta' din l-Iskeda.

2. RISTORANTI TA' SPEĊJALITA'

(i) Id-*Deskrizzjoni Ġenerali* ta' stabbilimenti li jipprovdu ikel li jaqgħu taħt dan l-isem tkun l-istess bħal dik għal "Ristoranti", iżda, b'żieda, jkollha wkoll dawn il-ħtiġiet partikolari li ġejjin:—

(a) Għall-iskop ta' klassifikazzjoni, l-istess kif speċifikat għal kull klassifikazzjoni taħt il-partiti 1, 2, 3, 4 u 5 tas-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tat-Tielet Taqsima ta' din l-Iskeda.

(b) Ir-Ristorant ta' Speċjalita' għandu jipprovdi menuwjiet predominantement magħmula minn platti Nazzjonali tipiċi u/jew ta' Speċjalita' ta' xi Pajjiż u/jew Kultura jew oġġetti ta' ikel speċifiku ta' interess.

(ċ) Ir-Ristorant ta' Speċjalita' għandu jipprovdi l-metodi ta' preparazzjoni ta' l-ikel u servizz li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-platti Nazzjonali u/jew ta' Speċjalita' li jiġu provduti.

(d) Ir-Ristorant ta' Speċjalita' għandu jkollu l-istil, dekorament u arredament li jirrapreżentaw lill-pajjiż, lill-kultura jew lill-oġġetti ta' ikel speċifiku murija fuq il-menuwjiet.

(ii) L-inqas ħtiġiet ta' "Ristoranti ta' Speċjalita' " għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tielet Taqsima tat-Tieni Skeda u għandhom jinkludu kull ħtieġa oħra li l-Bord jista jżid magħhom minn żmien għal żmien.

(iii) Stabbilimenti bħal dawn ma għandhomx jiġu deskritti, jew imsejħa b'xi wieħed mit-tlett ismijiet l-oħra speċifikati f'din it-Taqsima ta' din l-Iskeda.

3. 'SNACK BARS'

(i) Id-*Deskrizzjoni Ġenerali* ta' Stabbiliment li Jipprovdi Ikel li jaqa' taħt dan l-isem tkun dik ta' kull stabbiliment, bini jew post, ikun kif ikun deskritt; li jkollu akkomodazzjoni bil-qegħda, spazju għall-preparazzjoni ta' l-ikel u tagħmir li jkunu adegwati u xierqa; li jipprovdi bi ħlas lit-turisti u lill-pubbliku in ġenerali varjeta' ta' platti *snack* bħalma huma *fast foods*, kif ukoll xorb; għall-konsum f'dak l-istabbiliment, bini jew post; u li jipprovdi servizz limitat lill-klijenti.

(ii) Il-menu ta' ikel *snack* offrut, servut jew ikkunsmat f'dawn l-istabbilimenti għandu jkun ristrett għal pizza, għaġin, insalati, *burgers*, platti tal-bajd, *sandwiches, breakfasts,* pastiċċerija, dolċerija u oġġetti oħra ta' l-ikel li, fil-fehma tal-Bord, huma wkoll ikkunsidrati li huma "snacks" u jistgħu jiġu miżjuda ma' dan il-menu.

(iii) L-inqas ħtiġiet ta' "snack bars" ikunu inqas minn dawk mistennija minn "ristorant" jew "ristorant ta' speċjalita' " iżda jkunu bbażati fuq dawk speċifikati fit-Tielet Taqsima tat-Tieni Skeda, kif il-Bord jista' jiddeċiedi fid-diskrezzjoni tiegħu.

(iv) Stabbilimenti bħal dawn ma għandhomx jiġu deskritti, jew imsejħa, b'xi wieħed mit-tlett ismijiet l-oħra speċifikati f'din it-Taqsima ta' din l-Iskeda.

4. 'TAKE-AWAYS'

(i) Id-*Deskrizzjoni Ġenerali* ta' stabbiliment li jipprovdi ikel li jaqa' taħt dan l-isem tkun dik ta' kull stabbiliment, bini jew post, ikun kif ikun deskritt; li jkollu spazju għall-preparazzjoni ta' l-ikel u tagħmir adegwati u xierqa; li jipprovdi bi ħlas lit-turisti u lill-pubbliku in ġenerali lista ristretta ta' oġġetti ta' l-ikel kif ukoll xorb *iżda mhux* għall-konsum f'dak l-istabbiliment, bini jew post.

(ii) L-inqas ħtiġiet ta' "Take-Aways" ikunu inqas minn dawk mistennija minn "Snack Bars" iżda jkunu bbażati fuq dawk speċifikati fit-Tielet Taqsima tat-Tieni Skeda kif il-Bord jista' jiddeċiedi fid-diskrezzjoni tiegħu.

(iii) Stabbilimenti bħal dawn ma għandhomx jiġu deskritti, jew imsejħa, b'xi wieħed mit-tlett ismijiet l-oħra speċifikati f'din it-Taqsima ta' din l-Iskeda.".